



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0003/2014**

23.12.2013

\*\*\*|

## RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1365/2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni fir-rigward l-għoti ta' setgħat iddelegati u implimentattivi lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri (COM(2013)0484 – C7-0205/2013 – 2013/0226(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Eva Lichtenberger

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċeżżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

## **WERREJ**

### **Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	16
PROĊEDURA.....	18



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1365/2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni fir-rigward l-għoti ta' setgħat iddelegati u implantattivi lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri (COM(2013)0484 – C7-0205/2013 – 2013/0226(COD))

### **(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0484),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0205/2013),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0003/2014),
  1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006, sabiex jtqiesu t-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni **fir-rigward** tal-adattament tal-limitu għall-kopertura statistika dwar it-trasport tal-

*Emenda*

(5) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006, sabiex jitqiesu t-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat **dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattament

passaġġi fl-ilmiċċiet interni, l-adattament tad-definizzjonijiet u l-adozzjoni tad-definizzjonijiet addizzjonali. ***Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħa li tadotta atti delegati sabiex jiġi adattat il-kamp tal-applikazzjoni tal-ġbir tad-dejta u l-kontenut*** tal-annessi.

tal-limitu għall-kopertura statistika dwar it-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni, l-adattament tad-definizzjonijiet u l-adozzjoni tad-definizzjonijiet addizzjonali, ***kif ukoll l-adattament tal-kontenut*** tal-annessi.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Premessa 6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-atti delegati ma jipponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq ***l-unitajiet*** li jwieġbu.

##### *Emenda*

(6) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-atti delegati ma jipponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ***dawk*** li jwieġbu.

##### *Ġustifikazzjoni*

*Emenda lingwistika.*

## Emenda 3

### Proposta għal regolament

#### Premessa 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006, is-setgħat ta' implementazzjoni għandhom jiġu ***konferiti fuq il-Kummissjoni*** biex tad-donna arranġamenti għat-trażmissjoni tad-dejta inklużi standards ***għall-iskambjar*** tad-data, għad-disseminazzjoni tar-riżultati mill-Kummissjoni (Eurostat) u wkoll biex jiġu żviluppati u ppubblikati kundizzjonijiet u kriterji ***ta'*** metodoloġiċi mfassla biex tīġi żgurata l-kwalità tad-dejta prodotta. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eż-żejt skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

##### *Emenda*

(8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006, is-setgħat ta' implementazzjoni għandhom jiġu ***kkonferiti lill-Kummissjoni*** biex tad-donna arranġamenti għat-trażmissjoni tad-data inklużi standards ***għall-iskambju*** tad-data, għad-disseminazzjoni tar-riżultati mill-Kummissjoni (Eurostat) u wkoll biex jiġu żviluppati u ppubblikati kundizzjonijiet u kriterji metodoloġiċi mfassla biex tīġi żgurata l-kwalità tad-data prodotta. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eż-żejt skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. ***Għandha tintuża l-***

*proċedura ta' eżami għall-adozzjoni ta'  
dawk l-atti, minħabba l-ambitu ġenerali  
tagħhom.*

## Emenda 4

### Proposta għal regolament Premessa 9

*Test propos mill-Kummissjoni*

(9) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq biex jintlaħaq ***l-għan*** bażiku tal-allinjament tas-setgħat ***konferiti*** lill-Kummissjoni ***għall-Artikoli*** 290 u 291 tat-Trattat li jiġu stabbiliti regoli dwar dan l-allinjament fid-dominju tal-istatistika tat-trasport. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak ***l-għan***, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

*Emenda*

(9) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, ***kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea***, huwa meħtieġ u xieraq biex jintlaħaq ***l-objettiv*** bażiku tal-allinjament tas-setgħat ***kkonferiti*** lill-Kummissjoni ***permezz tal-Artikoli*** 290 u 291 tat-Trattat ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*** li jiġu stabbiliti regoli ***komuni*** dwar dan l-allinjament fid-dominju tal-istatistika tat-trasport. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak ***l-objettiv***, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

## Emenda 5

### Proposta għal regolament **Artikolu 1 – punt 1a (ġidid)** Regolament (KE) Nru 1365/2006 Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt b

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(1a) Fl-Artikolu 2(4), punt (b) huwa mħassar;***

*Ġustifikazzjoni*

*Trid tinġabar id-data kemm fuq il-merkanzija kif ukoll fuq il-passiġġieri.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1b (ġidid)**

Regolament (KE) Nru 1365/2006

Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1b) Fl-Artikolu 2(4), punt (c) huwa mħassar;*

*Ġustifikazzjoni*

*Trid tinġabar id-data kemm fuq il-merkanzija kif ukoll fuq il-passiġġieri.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1365/2006

Artikolu 2 – paragrafu 5 (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 9, li jieħu kont tat-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, fir-rigward tal-adattament tal-limitu għall-kopertura statistika dwar it-trasport tal-passaġġi fl-il-mijiet interni.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, **fejn dan ikun meħtieġ**, skont l-Artikolu 9, li jieħu kont tat-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, fir-rigward tal-adattament tal-limitu għall-kopertura statistika dwar it-trasport tal-passaġġi fl-il-mijiet interni.

*Ġustifikazzjoni*

*Hu importanti li tinżamm tracċċa tal-andamenti ekonomiċi fis-settur ħalli tkun żgurata l-konsistenza fid-deċiżjonijiet adottati fuq kwistjonijiet leġiżlattivi.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 1365/2006

Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġidid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9, li jieħu kont tat-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, fir-rigward tal-adattament tad-definizzjonijiet u l-adozzjoni tad-definizzjonijiet addizzjonali.

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, ***fejn dan ikun meħtieġ***, f'konformità mal-Artikolu 9, li jieħu kont tat-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, fir-rigward tal-adattament tad-definizzjonijiet u l-adozzjoni tad-definizzjonijiet addizzjonali.

*Ġustifikazzjoni*

*Hu importanti li tinżamm traċċa tal-andamenti ekonomiċi fis-settur ħalli tkun żgurata l-konsistenza fid-deċiżjonijiet adottati fuq kwistjonijiet leġiżlattivi.*

## **Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1365/2006

Artikolu 4 – paragrafu 4 (ġidid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9, li jieħu kont tat-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, dwar l-adattament tal-kamp tal-applikazzjoni tal-ġbir tad-dejta u l-kontenut tal-Annessi.

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, ***fejn dan ikun meħtieġ***, f'konformità mal-Artikolu 9, li jieħu kont tat-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, dwar l-adattament tal-kamp tal-applikazzjoni tal-ġbir tad-dejta u l-kontenut tal-Annessi

*Ġustifikazzjoni*

*Hu importanti li tinżamm traċċa tal-andamenti ekonomiċi fis-settur ħalli tkun żgurata l-konsistenza fid-deċiżjonijiet adottati fuq kwistjonijiet leġiżlattivi.*

## **Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1a (ġidid)**

Regolament (KE) Nru 1365/2006

Artikolu 7 – paragrafi 3a (ġidid) u 3b (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6a) Fl-Artikolu 7 jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:**

'3a. *Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kriterji tal-kwalità li jridu jiġu applikati għad-data li se tiġi trażmessha huma dawk imsemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\**.

**3b. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implementazzjoni, tispeċifika l-modalitajiet, l-istruttura, il-perjodiċità u l-elementi ta' komparabbiltà għar-rapporti tal-kwalità. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10(2).**

---

\* *Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164)'';*

## **Emenda 11**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 6b (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1365/2006

Artikolu 8 – paragrafu 1 – kliem introduttorju

*Test fis-seħħħ*

*Emenda*

**(6b) Fl-Artikolu 8, il-kliem introduttorju**

*Sal- 15 ta' Ottubru 2009 u wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Programmi Statistiċi, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, dak ir-rapport għandu:*

*tal-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:*

*"Sa ...<sup>+</sup> u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Programmi Statistiċi, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, ir-rapport għandu:";*

---

*+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: tliet snin wara d-data tad-dħul fis-sejjh ta' dan ir-Regolament.*

## **Emenda 12**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 7**

Regolament (KE) Nru 1365/2006

Artikolu 9 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Eżerċitar *tas-setgħat iddelegati*

L-eżerċizzju *tad-delega*

## **Emenda 13**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 7**

Regolament (KE) Nru 1365/2006

Artikolu 9 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda lingwistika.*

## **Emenda 14**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 7**

Regolament (KE) Nru 1365/2006

Artikolu 9 – paragrafu 3

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(5), l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(4) għandha tiġi *konferita* lill-Kummissjoni għal perjodu ta' *żmien indeterminat* minn (Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġibok daħħal id-data preċiżha tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendantorju).

#### *Emenda*

Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(5), l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(4) għandha tiġi *kkonferita* lill-Kummissjoni għal perjodu ta' *ħames snin* minn (Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġibok daħħal id-data preċiżha tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendantorju). *Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport firrigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xħur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' *ħames snin*. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiżza b'mod taċitu għall-perjodi ta' *żmien identiċi*, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xħur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*

## **Emenda 15**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 8**

Regolament (KE) Nru 1365/2006

Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġidid)

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

*2a. Meta l-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implementazzjoni, u għandu jaapplika tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

## Emenda 16

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 1a (ġidid)

Regolament (KE) Nru 1365/2006

Anness B – Tabella B1

#### *Test fis-seħħ*

Tabella B1. Trasport skont in-nazzjonaliità tal-bastiment u skond it-tip ta' bastiment (data annwali)

Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	2 karattri alfanumeriċi	"B1"	
Pajjiż rapportatur	2 karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4 karattri numeriċi	"ssss"	
Pajjiż/reġjun tat-tħabija	4 karattri alfanumeriċi	NUTS2 (*)	
Pajjiż/reġjun tal-ħatt	4 karattri alfanumeriċi	NUTS2 (*)	
Tip ta' trasport	karatru numeriku	1 = Nazzjonali 2 = Internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = Tranżitu	
Tip ta' bastiment	karatru numeriku	1= Barkun motorizzat 2= Barkun mhux motorizzat 3= Barkun tanker motorizzat 4= Barkun tanker mhux motorizzat 5= Bastimenti oħra għall-ġarr tal-merkanzija 6= Bastiment marittimu	
Nazzjonaliità tal-bastiment	2 karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali) (**)	
Tunnellati ttrasportati			Tunnellati
Tunnellati-Km			Tunnellati-Km

(\*) Meta l-kodiċi reġjonali ma tkunx magħrufa jew ma tkunx disponibbli, tintuża l-kodifikazzjoni li ġejja:

- "NUTS0 + ZZ" meta l-kodiċi NUTS tkun teżisti għall-pajjiż sieħeb.
- "Il-kodiċi ISO + ZZ" meta l-kodiċi NUTS ma tkunx teżisti għall-pajjiż sieħeb.
- "ZZZZ" meta l-pajjiż sieħeb ma jkunx magħruf kompletament.

(\*\*) Meta l-kodiċi NUTS ma tkunx teżisti għall-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-bastiment, tiġi rrappurtata l-kodiċi ISO nazzjonali. Fil-każ li n-nazzjonaliità tal-bastiment ma tkunx magħrufa, il-kodiċi li għandha tintuża hija "ZZ".

## Emenda

### **(8a) Fl-Anness B, it-Tabella B1 tiġi emendata kif ġej:**

"Tabella B1. Trasport ta' passiġġieri u merkanzija skont in-nazzjonaliità tal-bastiment u skont it-tip ta' bastiment (data annwali)

Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	2 karattri alfanumeriċi	"B1"	
Pajjiż rapportatur	2 karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4 karattri numeriċi	"ssss"	
Pajjiż/reġjun tat-tħabija	4 karattri alfanumeriċi	NUTS2 (*)	
Pajjiż/reġjun tal-ħatt	4 karattri alfanumeriċi	NUTS2 (*)	
Tip ta' trasport	karatru numeriku	1 = Nazzjonali 2 = Internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = Tranżitu	
Tip ta' bastiment	karatru numeriku	1= Barkun motorizzat 2= Barkun mhux motorizzat 3= Barkun tanker motorizzat 4= Barkun tanker mhux motorizzat 5= Bastimenti oħra għall-ġarr tal-merkanzija 6= Bastiment marittimu <b>7= Bastimenti tal-kruċieri li jgħorru aktar minn 100 passiġġier</b> <b>8= Vapuri għall-ġarr tal-passiġġieri għal aktar minn 300 metru</b>	
Nazzjonaliità tal-bastiment	2 karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali) (**)	
Tunnellati ttrasportati			Tunnellati
Tunnellati-Km			Tunnellati-Km
<b>Passiġġieri ttrasportati</b>	<b>12-il karatru numeriku</b>		<b>Passiġġier</b>
<b>Kilometri tal-passiġġieri</b>	<b>12-il karatru numeriku</b>		<b>Passiġġier</b>
<b>Sits disponibbli għall-passiġġieri</b>	<b>12-il karatru numeriku</b>		<b>Sit tal-passiġġier</b>

(\*) Meta l-kodiċi reġjonali ma tkunx magħrufa jew ma tkunx disponibbli, tintuża l-kodifikazzjoni li ġejja:

— "NUTS0 + ZZ" meta l-kodiċi NUTS tkun teżisti għall-pajjiż sieħeb.

— "Il-kodiċi ISO + ZZ" meta l-kodiċi NUTS ma tkunx teżisti għall-pajjiż sieħeb.

— "ZZZZ" meta l-pajjiż sieħeb ma jkunx magħruf kompletament.

(\*\*)Meta l-kodiċi NUTS ma tkunx teżisti għall-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-bastiment, tiġi rrappurtata l-kodiċi ISO nazzjonali. Jekk in-nazzjonaliità tal-bastiment ma tkunx magħrufa, il-kodiċi li għandha tintuża hija "ZZ"."

### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi żviluppata politika adegwata rigward it-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni u tiġi żgurata koerenza fil-ġbir ta' data statistika bil-modi kollha tat-trasport, trid tinġabar data dwar il-passiġġieri kif ukoll dwar il-merkanzija trasportata.*

## NOTA SPJEGATTIVA

### Sfond

Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006, li l-Kummissjoni tiproponi li jiġi emendat, jistabbilixxi regoli komuni għall-produzzjoni tal-istatistika Komunitarja fir-rigward tat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni. Id-data miġbura f'dan il-qafas tiffoka esklussivament fuq it-trasport tal-merkanzija.

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tallinja d-dispożizzjonijiet tal-komitoloġija tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006 mal-atti ddelegati u ta' implementazzjoni wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Ma ġewx proposti aktar bidliet mill-Kummissjoni.

### Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Ir-Rapporteur tilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tallinja d-dispożizzjonijiet tal-komitoloġija mal-atti ddelegati u ta' implementazzjoni. Madankollu, hija tal-opinjoni li hemm il-ħtieġa li jiġi ssimplifikati s-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tissalvagwardja l-prerogattivi tal-Parlament.

Ir-Rapporteur hija wkoll tal-opinjoni li, bir-restrizzjoni ta' din il-proposta għal eżerċizzju ta' allinjament, il-Kummissjoni titlef l-opportunità biex ittejjeb u ssaħħa il-ġbir ta' statistika relatata mat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni.

Bl-adozzjoni tal-programm NAIADES II, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa għal bidliet strutturali fit-tul fis-settur tat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni, biex dan is-settur jikkontribwixxi b'mod sħiħ għall-istratgeġja Ewropa 2020. Il-Kummissjoni enfasizzat li l-kundizzjonijiet operattivi fis-settur iridu jitjiebu, inklużi l-infrastruttura, il-prestazzjoni ambjentali, is-swieq u l-innovazzjoni, l-impjieg u l-ħiliet u l-integrazzjoni fil-katina loġistika. Biex jintlaħqu dawn l-ġħanijiet, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tistabbilixxi azzjonijiet speċifiċi biex il-programm jiġi implementat sal-2020.

Ir-Rapporteur temmen bis-sħiħ li politika ta' succcess biex ittejjeb ir-rwl tan-navigazzjoni interna fis-settur tat-trasport għandha tkun ibbażata fuq statistiċi oġġettivi, komparabbi u affidabbli li jistgħu juru r-riżultati ta' din il-politika u t-tendenzi lejn mezzi tat-trasport irregolati tajjeb, sikuri, nodfa, kompetittivi (inklużi l-aspetti soċjali) u integrati. Kif previst fil-preżent, l-istatistiċi relatati mat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni ma jkunux bieżżejjed biex jindirizzaw u jevalwaw il-politika tal-UE f'dan is-settur.

Ir-Rapporteur innotat ukoll li, fis-settur tat-trasport, il-Kummissjoni tidher li għandha approċċ inkōherenti fir-rigward tal-ambitu tal-prospetti statistiċi. Pereżempju, statistiċi relatati mat-trasport marittimu<sup>1</sup>, bl-ajru<sup>2</sup> u bil-ferrovija<sup>1</sup> jkopru kemm it-trasport tal-merkanzija kif ukoll

<sup>1</sup> Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (Tfassil mill-ġdid) – ĠU L 141, 6.6.2009, p. 29.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru, ĠU L 66, 11.3.2003, p. 1.

tal-passiġġieri, filwaqt li l-istatistiċi relatati mat-trasport tal-merkanzija bit-triq, waqt li jiffukaw fuq il-merkanzija biss, jeħtieġu informazzjoni dwar varjablli relatati mal-vettura, bħall-età tal-vettura għat-trasport bit-triq. Barra minn dan, l-istatistiċi ferrovjarji jinkludu wkoll l-inċidenti. Informazzjoni importanti bħal din mhijiex miġbura għat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni.

Ir-Rapporteur taħseb li t-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni għandu rwol importanti, mhux biss għat-trasport ta' merkanzija, imma wkoll għat-trasport ta' passiġġieri, b'mod partikulari f'konurbazzjonijiet urbani maqsuma bi xmajjar. Hija favur aktar użu tal-passaġġi fuq l-ilma interni għat-trasport ta' merkanzija u ta' persuni għad dan il-metodu tat-trasport – partikolarment meta jintużaw bastimenti ġoddha li jaħdmu b'sorsi alternattivi ta' enerġija – jirrapreżentaw l-aktar metodu ta' trasport nadif li ma jkunx ostakolat bil-konġestjoni. Ir-Rapporteur hija konxja li l-bastimenti użati fil-passaġġi minn fuq l-ilma interni huma ħafna drabi qodma u li jekk il-flotta tiġġedded jew tiġi modifikata jinkisbu beneficiċċi ambjentali oħra. Sabiex jiġi evalwati l-istat tal-flotta u r-rata ta' tiġidid jew immodifikar hemm bżonn tal-istatistika. Ir-Rapporteur temmen li r-reviżjoni attwali hija opportunità tajba biex tinġabar din id-data.

Barra minn hekk, in-navigazzjoni interna hija xi drabi ristretta jew issir diffiċċi minħabba n-nuqqas ta' infrastruttura adegwata jew piż finanzjarju (fundar imnaqqas tal-ilma, pontijiet baxxi, xatbiet, tariffi għall-infrastruttura, eċċ.). Sabiex tinkiseb stampa ċara tan-navigabbiltà fl-Unjoni, trid tinġabar data relata mal-infrastruttura tal-passaġġi minn fuq l-ilma.

Ir-Rapporteur tixtieq tiġbed l-attenzjoni li data importanti hija wkoll miġbura bl-iżvilupp ta' kwestjonarji ġestiti b'mod konġunt mill-Eurostat, l-ITF u l-UNECE fil-Grupp ta' Ħidma tal-Intersegretarjat dwar l-Istatiċi tat-Trasport, li ngħata l-mandat biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema ta' statistika koordinata għat-trasport. Xi elementi ta' din id-data hija miġbura biss fuq bażi volontarja. Sabiex ikunu żgurati settijiet ta' data u serje taż-żmien kompluti, ir-Rapporteur hija tal-fehma li l-ġbir ta' data kruċjali għandu jkun mandatorju.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija, ĠU L 14, 21.1.2003, p. 1.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni fir-rigward l-għoti ta' setgħat iddelegati u implementattivi lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0484 – C7-0205/2013 – 2013/0226(COD)
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	28.6.2013
<b>Kumitat responsabbi</b> Data tat-ħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 4.7.2013
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-ħabbir fis-seduta plenarja	ECON 4.7.2013
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	ECON 10.9.2013
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Eva Lichtenberger 10.7.2013
<b>Eżami fil-kumitat</b>	14.11.2013                    16.12.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	17.12.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0: 43 3 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdi Cristiano Allam, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Erik Bánki, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Juozas Imbrasas, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Mike Nattrass, Hubert Pirker, Dominique Riquet, Petri Sarvamaa, David-Maria Sassoli, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Silvia-Adriana Țicău, Giommaria Uggias, Peter van Dalen, Patricia van der Kammen, Roberts Zīle
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Jacob Bicep, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Alfreds Rubiks, Sabine Wils, Karim Zéribi
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ivo Strejček
<b>Data tat-tressiq</b>	6.1.2014